**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **57**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar It-Tnjen 22 ta' Jannar, 2026 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Ħaż-Żebbuġ: | Is-Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Ħal Kirkop: | Is-Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| L-Imqabba | Is-Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Il-Qrendi: | Il-Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Rabat: | Is-Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi | Is-Sindku is-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Is-Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Is-Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Is-Siġġiewi: | I s - Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħad-Dingli: | Is-Sindku is-Sur Raymond Schembri |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija.

**57.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

57.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca u s-Sindku tas-Siġġiewi s-Sur Julian Borg u s-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri.

**57.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 56;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 56 li saret nhar it-22 ta' Diċembru 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**57.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

**57.04 Kommunikazzjoni mill-President**

57.04.01 F'isem ir-Reġjun nuri solidarjeta ma' dawk kollha milquta mill-maltempata Harry li ġrat nhar 20.01.26 speċjalment il-lokalita' tas-Siġġiewi għall-ħerba li ħalla f'Għar Lapsi.

57.04.02 Nhar it-22.12.25 irċivejna mil-EUPA li ser ikun hemm żewġ sessjonijiet t'informazzjoni fuq Erasmus+ KA 2 Partnerships nhar il-15-16.01.2026.

57.04.03 Nhar it-24.12.25 irċivejna Cir AKL 2025/076_ALDA Training on Strengthening Diversity, Equality and Inclusion in Municipalities li saret nhar it-13.01.26.

57.04.04 Nhar it-24.12.25 irċivejna mingħand id-Direttur Galea DLG POC 134/2025 - Recyclable Waste Collection for Christmas and New Year - Reġjun Punent - CT2136/2022 l-ammont li ser nirċievu għal ġabriet żejda li ser isiru flok nhar il-Milied u l-Ewwel tas-sena għall-iskart riċiklabbli.

57.04.05 Nhar it-30.12.25 il-Maniġer tal-Iskart irringrazzja lill-Wasteserv għall-għotja ta' €5,000 taħt il-Malta Waste Reduction Awards 2025. Issottometta t-talba fir-rigward ta' xiri t' apparat li jiġbor l-iskart bil-vacuum cleaner b'kontenituri tar-roti.

57.04.06 Nhar it-30.12.25 irċivejna Ċirkulari Numru SPI/SCI/10/2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2026-2027 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabilita'.

57.04.07 Nhar il-31.12.25 il-president fakkar lid-DG Vassallo kif ukoll lill PS Mahoney għal l-awtorizzazzjoni sabiex nipproċedu bil-ħruġ tal-fatturi fuq multi tal-iskart u nuqqasijiet lill-kuntrattur qabel tmiem is-sena.

57.04.08 Nhar it-02.01.26 wara li ġejna infurmati mis-Sur Bonello li se jkun qed jieħu ir-responsabilità ta' maniġier tal-iskart tar-Reġjun Tramuntana. Il-Maniġer tal-iskart tar-Reġjun Punent informa li se jkun qed jorganizza laqgħa b'mod kunġut mar-Reġjuni kollha bl-iskop li mhux biss li jiġu riveduti l-aħjar prattiċi u li jiġi żgurat allinjament fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti attwali tas-sejħa għall-offerti, iżda wkoll li tinbeda diskussjoni aktar strateġika dwar it-triq 'il quddiem lil hinn mill-iskadenza tas-sejħa għall-offerti preżenti fi tmiem l-2027.

57.04.09 Nhar it-02.01.26 il-Maniġer tal-iskart informa lid-DG Dalli, id-DG Vassallo u PS Mahoney dwar il-kwistjoni tad-default notices. Semma li għadna qed nistennew approvazzjoni formali mid-DLG bħala l-pass li jmiss taħt l-SOP f'termini ta' S.L. 601.03 għal kuntratti li jaqbżu s-€750,000 qabel ikollna l-approvazzjoni finali mingħand DOC.

57.04.10 Nhar il-05.01.26 ġejna infurmati mill-Wasteserv sabiex jiġi stabbilit ftehim ieħor bejnietna għar-rimborz tal-ġbir tal-iskart u organiku. Staqsew jekk ir-rati hux se jinżammu l-istess jew jekk hux se jinbidlu fl-2026.

57.04.11 Nhar il-05.01.26 irċivejna mill-Malta Crafts Foundation dwar l-applikazzjonijiet premju ġieħ l-artiġjanat malti 2025. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-08.02.26.

57.04.12 Nhar il-05.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/001 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2026.

57.04.13 Nhar il-05.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/002_Auditing Preparation Workshop 13/01/2026. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali b' kollaborazzjoni mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, l-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali kif ukoll l-ANSEK qed tkun organizzata sessjoni ta' informazzjoni dwar il-proċess tal-Awditjar, kemm x' għandu jsir qabel kif ukoll waqt il-fieldwork mill-awdituri. Attenda għaliha DB.

57.04.14 Nhar is-06.01.26 irċivejna stedina mingħand DLG għas-sensiela ta' webinars pubbliċi tal-URBACT Minn Dejta Soċjali għal Bliet Aħjar, organizzata mis-Segretarjat tal-URBACT. Is-sensiela tesplora kif il-bliet jistgħu jużaw b'mod effettiv id-dejta soċjali biex jinfurmaw il-politiċi, itejbu t-teħid tad-deċiżjonijiet, u joħolqu ambjenti urbani aktar inklussivi.

57.04.15 Nhar is-06.01.26 irċivejna mis-Sur Gatt DOC li t-talba sabiex jiġu imposti penali li jammontaw għal €25,400 skont id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li seħħew bejn Ġunju u Novembru 2025 ġiet mgħoddija mill-kumitat GCC u approvata.

57.04.16 Nhar is-06.01.26 irċivejna il-Payscales 2026.

57.04.17 Nhar is-06.01.26 ġejna infurmati li s-sejħa għal għannejja ġodda se tiġi estiża sal-11.01.26

57.04.18 Nhar is-07.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-fondazzjoni GAL Majjistral reġgħet ġeddet 3 miżuri li huma dawn murija hawn taħt:

Miżura 2 – Strengthening Short Supply Chains for Local Gastronomy

Miżura 3 - Investing in Nature Connectedness, Protection and Enhancement of Biodiversity Resources

Miżura 4 - Knowledge Sharing and Capacity-building for Sustainable Development

57.04.19 Nhar is-07.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Fondazzjoni GAL Xlokk reġgħet ġeddet 2 miżuri li huma dawn murija hawn taħt:

Miżura 3 – Marketing of the Territory

Miżura 4 – Education and Research

57.04.20 Nhar is-07.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/003_International Epilepsy Day li jkun iċċelebrat nhar 09.02.25. Il-Kunsilli Lokali huma mħeġġa jixgħelu l-binjiet jew il-monumenti tagħhom bil-kulur vjola biex jinħoloq iktar għarfien dwar dan il-jum.

57.04.21 Nhar is-07.01.26 irċivjena l-Addendum Nru: 4 ffirmat mid-Direttur Ġenerali dwar il-ġbir

extra ta’ skart riċiklabbli li sar flok il-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

57.04.22 Nhar it-08.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat dwar l-applikazzjonijiet għan-nomini għall-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2025. Dan il-premju hu mmirat biex jiġu nominati prodotti artiġjanali manifatturati minn organizzaturi ta’ festi lokali li ħolqu oġġetti artiġjanali innovattivi għall-festa tar-raħal. Nominazzjonijiet jagħlqu nhar it-08.03.26.

57.04.23 Nhar it-08.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lis-Sur Ciasullo li kien preżenti għal konferenza SOuSeEU. Talbitu għall-laqgħa sabiex nesploraw possibiltajiet ta’ kollaborazzjoni flimkien.

57.04.24 Nhar it-08.01.26 is-Sur Flores infurmana dwar il-ħlasijiet biċ-ċekkijiet li qed jitnaqqsu b’mod sinifikanti primarjament minn direttivi tal-banek lokali. Informa li r-reġistrazzjoni tal-ħlasijiet biċ-ċekkijiet fuq is-sistemi tal-LESA se tiġi diżattivata mit-Tnejn it-12.01.26. Se jiġu aċċettati biss ħlasijiet fi flus kontanti, epos jew is-sistema ta' ħlas online.

57.04.25 Nhar id-09.01.26 saret laqgħa mal-Active Ageing dwar il-proġett tal-arti mal-anzjani.

57.04.26 Nhar id-09.01.26 irċivejna mingħand ACM il-kuntratt tal-Proġett Darba waħda fil-Villagg, Linji Gwida u Regolamenti u t-Termini Ġenerali tal-Ftehim fir-rigward tal-proposta iffinanzjata permezz tal-Programm ta' Kooperazzjoni Kulturali Reġjonali.

57.04.27 Nhar id-09.01.26 is-Segretarju Eżekuttiv kitbet formalment sabiex bħala Reġjun napplikaw għall-kard ta’ depożitu biss.

57.04.28 Nhar id-09.01.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat prova tad-dokumentazzjoni fir-rigward EWWR 2025.

57.04.29 Nhar it-12.01.26 il-Maniġer tal-Iskart informa li l-ftehim għar-rimborż tal-ġbir tal-iskart organiku għall-2026:

Ġbir tal-iskart organiku domestiku: Se nżommu l-istess rata bħas-sena l-oħra.

Ġbir addizzjonali tal-iskart organiku miċ-ċimiterji: Dan is-servizz huwa kopert permezz ta' addendum annwali li jiskadi f'Mejju 2026. F'dan l-istadju, għadu kmieni wisq biex nikkonfermaw jekk ir-rata hux se tibqa' l-istess.

57.04.30 Nhar it-13.02.26 infurmajna dwar l-attività annwali ta’ kull sena fejn tlaqqa’ lis-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u staff tal Kunsill Lokali kemm dawk klerikali u ħaddiema oħrajn fuq skemi se issir nhar is-06.02.26.

57.04.31 Nhar it-13.01.26 irċivejna l-allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli Reġjonali 2026 - Punent - L-ewwel kwart.

57.04.32 Nhar it-13.01.26 għamilna laqgħa mal-Maniġer Kulturali ta’ Reġjun Lvant dwar il-proġett virtualmalta.com.

57.04.33 Nhar l-14.01.26 infurmajna lill-Kunsilli Lokali dwar l-edizzjoni l-ġdida għas-sena 2026, ddedikata għall-attivitajiet u l-avvenimenti tal-Ġimgħa Mqaddsa ġewwa r-Reġjun Punent. Għal dawk kollha li jkollhom xi informazzjoni jilħqu jinfurmawna, ħalli bħala Reġjun nibdew naħmu fuq il-loġistika tal-imsemmi flipbook.

57.04.34 Nhar l-14.01.26 irċivejna mid-DG Vassallo dwar żewġ sessjonijiet ta’ informazzjoni u diskussjoni organizzati mid-DLG taħt l-awspiċju tal-Kunsill Nazzjonali tat-Taħriġ dwar l-irwol tas-Sindku f’ambitu ta’ Kunsill Lokali, partikolarment fil-qadi tal-Uffiċċju tiegħu/tagħha matul laqgħa uffiċċjali tal-istess Kunsill. Dawn ser ikunu nhar 24 u 31.01.26.

57.04.35 Nhar il-15.01.26 preżentajna l-proġett Buzz Bee ġewwa l-iskola tal-Imqabba.

57.04.36 Nhar is-16.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/004_Lions Club Initiative. Il-Lions Club Sliema (VO 0146) hija NGO lokali ddedikata li sservi l-komunità permezz ta’ inizjattivi umanitarji varji, b’mod partikolari fuq kawżi relatati mal-vista.

57.04.37 Nhar is-16.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/005_Dokumenti LCA 2025. Infurmawna li bħalissa qed jintbagħtu kotba li ġew ippublikati matul is-sena li għaddiet min-naħa tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

57.04.38 Nhar is-16.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/006 Tnedija tad-dokumenti "Open Spaces" li ser isssir 12.02.26

57.04.39 Nhar id-17.01.26 sar l-avveniment Arts for Social Change ġewwa l-Lokalita taż-Żurrieq.

57.04.40 Nhar id-19.01.26 ircivejna mill-Malta Bankers Association li l-inizjattiva annwali hija mal-ġimgħa globali tal-Flus tal-OECD u tinvolvi żgħażagħ f'aktar minn 35 pajjiż Ewropew. L-għan ewlieni tal-EMW huwa li jippromwovi l-litteriżmu finanzjarju u jqajjem kuxjenza dwar il-flus u l-finanzi personali speċjalment fost l-istudenti u l-pubbliku ġenerali. Sejra ssir attivita nhar l-20.03.26.

57.04.41 Nhar id-19.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/007 fuq Kors online fil-Kitba bil-Malti (MQF 5)

57.04.42 Nhar id-19.06.26 irċivejna Stqarrija mill-Ministeru għall-Ambjent l-Enerġija u l-indafa pubblika dwar li Malta rreġistrat progress sinifikanti fis-separazzjoni tal-iskart.

57.04.43 Nhar id-19.01.26 ħrigna is-sejħa interna għal Maniġer tal-Kultura.

57.04.44 Nhar l-20.01.26 irċivejna Cir AKL 2025/071_Proċess tal-ELoGE: Gwida, Appoġġ u Sessjoni ta’ Follow-Up għall-Kunsilli Lokali.

57.04.45 Nhar l-20.01.26 irċivejna mis-Sa Loporchio, taħdem ma’ NGO organizzazzjoni akkreditata tal-VET u r-riċerka bbażata fi Sqallija. Infurmawna li bħalissa qed jippreparaw proposta għal proġett ġdid taħt il-Programm Interreg Italja-Malta intitolat SHAREMED – Minn Fruntieri Kondiviżi għal Intelliġenza Kondiviża: Governanza Diġitali għal Mediterran Koeżiv. Il-proġett jindirizza sfida ewlenija fil-qasam tal-kooperazzjoni: il-frammentazzjoni tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u n-nuqqas ta’ mekkaniżmi permanenti u appoġġjati diġitalment għall-governanza transkonfinali. Infurmawna li bħalissa qegħdin fil-fażi finali tal- konsorzju u għandhom bżonn konferma jekk inkunux interessati li nkunu parti minn din is-sħubija.

57.04.46 Nhar l-20.01.26 irċivejna l-istatistika mingħand ERA fir-rigward tal-iskeda tar-rimi tal-iskart u s-separazzjoni obbligatorja tal-iskart (Kwart 4).

57.04.47 Nhar l-20.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill- H.E. Dr. Vella, fir-rigward ta' proposta ta' sħubija ta' kooperazzjoni Erasmus+ KA220-YOU bit-titlu "CRAFT FUTURE: Modernizzazzjoni tal-Artiġjanat Tradizzjonali permezz tat-Tagħlim Kreattiv u l-Immappjar Diġitali". Il-proġett għandu l-għan li jagħti s-setgħa liż-żgħażagħ NEET permezz ta' taħlita ta' snajja tradizzjonali, disinn diġitali u intraprenditorija kreattiva.

57.04.48 Nhar il-21.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/008 dwar dwar Bidliet fl-Ispeċifikazzjonijiet tad-Dawl tat-Toroq.

57.04.49 Nhar il-21.01.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat il-lista tal-Hotspots lill-ERA.

57.04.50 Nhar il-21.01.26 intbagħat l-invit għal l-aħħar avveniment tal-Arts for Social Change li ser issir nhar it-30.01.26 ġewwa id-Dar tal-Providenza.

57.04.51 Nhar il-21.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li Il-Malta Council for

Voluntary Sector (MCVS) se tkun qed torganizza żewġ sessjonijiet ta’ taħriġ għall-għaqdiet volontarji li jiffukaw fuq il-Marketing u Branding f’livell avvanzat. Dawn ser isiru nhar il-11 u 17.02.26.

57.04.52 Nhar it-22.01.26 bagħtna lil NGO’s tal-futbol nurseries għall-laqgħa li ser issir nhar it-03.02.26 sabiex jiġu diskussi kollaborazzjonijiet għas-sena 2026.

57.04.53 Nhar it-22.01.26 irċivejna mill-Arts Council Malta dwar aġġornament mal-ewwel sottomissjoni ta’ dejta relatata mal-avvenimenti għall-ewwel kwart mistennija tingħalaq sa Marzu. Pproponiet laqgħa nhar it-13.04.26 sabiex jiġi iffukat fuq sett ta’ pilastri f’konformità ma’ dak li diġà jeżisti fl-Istrateġiji Kulturali Reġjonali, li huma:

1. Tema 1: Żvilupp tat-Talent
2. Tema 2: Involviment tal-Udjenza u Parteċipazzjoni Kulturali
3. Tema 3: Innovazzjoni fil-Wirt
4. Tema 4: Użu tal-Infrastruttura Kulturali
5. Tema 5: Użu effettiv tal-finanzjament
6. Kummenti oħra

57.04.54 Nhar it-22.01.26 bagħtna stedina lill Kunsilli Lokali għal Laqgħa li ser issir nhar it-02.02.26 sabiex jiġi diskuss il-kalendarju kulturali u sportiv għas-sena 2026.

57.04.55 Nhar it-22.01.26 irċivejna stedina għas-seminar annwali bejn l-ERA u l-Kunsilli Reġjonali/Lokali. Għal-laqgħa ta’ din is-sena, jistgħu jintbgħatu kwalunkwe suġġeriment għal kwalunkwe suġġett li tixtiequ li jiġi inkluż fl-aġenda. Dan jiżgura li l-laqgħa tindirizza l-mistoqsijiet u d-diffikultajiet relatati mal-ambjent. Din ser issir nhar il-25.02.26.

57.04.56 Nhar it-22.01.26 irċivejna mid-DG Vassallo fatti dwar il-ġabra tal-iskart li ma saritx nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar. Ta’ min jirrimarka li bħala President ilni nikteb sabiex tal-anqas jkun hemm laqgħa annwali sabiex naraw problemi li qed naffaċċjaw u strateġija ‘l quddiem sabiex nindirizzaw nuqqasijiet jew okkazjonijiet bħal ma ġara fl-20.01.26.

57.04.57 Nhar it-23.01.26 irċivejna mingħand Aġenzija Żgħażagħ li se nieħdu l-Ambaxxaturi tal-Informazzjoni għaż-Żgħażagħ | Listen Up, inizjattiva immirata biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-iżvilupp u t-tixrid tas-servizzi ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ f'Malta.

57.04.58 Nhar it-23.01.26 irċivejna l-ewwel allokazzjoni għas-sena 2026.

57.04.59 Nhar it-23.01.26 ircivejna mill-Planning Authority li ser iniedu edizzjoni ġdida tal-iskema Irrestawra Darek u l-Villaġġ nhar it-28.01.26, skema ta' għotjiet li se tkun applikabbli għal Malta u Għawdex kollha, iżda se tkun imqassma fuq sitt xhur skont ir-Reġjuni u ser jibdew mir-Reġjun Punent.

57.04.60 Nhar it-23.01.26 irċivejna stqarrija mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħolijiet pubbliċi fejn ser ikun qed jintervjeni f’dawk il-lokalitajiet milquta mil-maltempata Harry.

57.04.61 Nhar il-26.01.26 irċivejna mingħand DLG proċedura u data tal-għeluq tal-Unaudited Financial statements tas-sena 2025.

57.04.62 Nhar il-26.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/009 dwar Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attivita' tal-'Earth Hour 2026' li ser tkun nhar it-28.03.26. Bħala ġest simboliku, normalment l-avveniment jinkludi tifi ta’ dawl bejn it-20:30 u d-21:30. Dan jinkludi tifi ta’ monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra.

57.04.63 Nhar il-27.01.26 ircivejna mingħand il-Malta Crafts Foundation li ser jkunu qed jorganizzaw l-attivita’ annwali tal-Karnival ġewwa il-villaġġ artiġjanali Ta’ Qalli nhar is-Sibt 07.02.2026 bejn l-10am u l-4pm. Waqt din l-attivita’ wieħed isib parati, żfin, ikel

loghob u artiġjanat madwar il-villaġġ kollu.

57.04.64 Nhar il-29.01.26 ser nippreżentaw l-proġett Buzz Bee ġewwa l-iskola ta' Ħal Kirkop.

57.04.65 Nhar it-30.01.26 ser isir l-aħħar l-avveniment Arts for Social change ġewwa d-Dar tal-Providenza s-Siggiewi.

57.04.66 Nhar 02.02.26 ser issir laqgħa dwar il-kalendarju kulturali u sportiv għas-sena 2026

**57.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet**

57.05.01 Is-Sindku tal-Qrendi staqsa jekk tistax issir kollaborazzjoni mas-Sur James Portelli minn Xircammini biex magħhom niddisinjaw mixja reliġjuża għall-pellegrini ġor-Reġjun. Il-President talab sabiex jingħaddulna id-dettalji ħalli naraw fejn nistgħu nikkollaboraw.

57.05.02 Is-Sindku tal-Mqabba staqsiet x'sar mill-kuntratt tal-Libreriji Pubbliċi. Il-President semma li qed nistennew direzzjoni mid-DG.

57.05.03 Il-President semma li ser jkun qed jiċċekkja sabiex ir-Reġjun ikollu polza t'assigurazzjoni li tkopri l-attivitajiet li jsiru mill-Kunsilli Lokali fir-Reġjun.

57.05.04 Is-Sindku ta' Ħal Safi staqsa dwar fhiex wasal it-Tender tal-Istreet Lightning. Il-President fakkar kif l-istess Kunsill Reġjonali ma kienx aċċetta proposta li kien ħejja l-Maniġer tal-Ambjent minħabba li kienet għolja.

**57.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

57.06.01 Tqegħid tal-fondi proposti għas-sena 2026 – Annex A

**57.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**57.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.45**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 45.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

**57.08 Performance Bonus ES**

Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mil-laqgħa sakemm il-President iddiskuta r-rapport mħejji. Wara ressaq għall-approvazzjoni il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

## 57.09 Budget 2026

Il-President ta' spjega u wara diskussjoni bejn il-membri ressaq għall-approvazzjoni il-Budget tas-sena 2026. Aktar informazzjoni f'annex A.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament

## 57.10 Rapporti tal-Maniġers

### 57.10.01 Rapport tal- Maniġer tal-Iskart

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Iskart għal perjodu Ottubru sa Diċembru 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 57.10.02 Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Ambjent għal perjodu Ottubru sa Diċembru 2025.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima

Il-Kunsill qabel unanimament.

.

### 57.10.03 Rapport tal-Maniġer tal-Proġetti

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Proġetti għal perjodu Ottubru sa Diċembru 2025.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 57.10.04 Rapport tal-Maniġer tal-IT

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-IT għal perjodu Ottubru sa Diċembru 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 57.10.05 Rapport tal-Maniġer tal-Kultura

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Kultura għal perjodu Ottubru sa Diċembru 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 57.10.06 Rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej għal perjodu Lulju sa Settembru 2025.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima

Il-Kunsill qabel unanimament

## 57.11 Materji Oħra

### 57.11.01 Bidu tal-Proġett Virtual Malta fir-Reġjun Punent

Il-President informa illi wara suċċess li kellu dan il-proġett fir-Reġjun Lvant irċivejna it-talba sabiex issir estensjoni tiegħu fir-Reġjun Punent. Il-Kunsilli Lokali ser jkunu ikkuntatjati għall-laqgħa sabiex jkun diskussi għaxar lokalitajiet li fihom ser jinġibed video li mbad jiġi ippublikat fuq il-website virtualmalta.com

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

### 57.11.02 Proġett tal-Arti mal-Active Ageing

Il-President informa illi ġejna ikkuntatjati mid-Dipartiment tal-Active Ageing dwar proġett tal-arti mal-anzjani ġewwa id-Day Centres u anke anzjani oħra li jixtiequ jkunu parti minn dan il-proġett. Ser jkunu qed jsiru 10 sessjonijiet ġewwa kull lokalita'. F'Kunsilli Lokali fejn m'hemmx Day Centres jista' jsir arranġament sabiex jinstab post alternattiv fejn jsiru dawn is-sessjonijiet. Ir-Reġjun ser jkun qed jħallas għall-materjal sabiex isiru dawn is-sessjonijiet.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M.Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

### 57.11.03 Ftehim tal-Wasteserve

Il-President ressaq għall-approvazjoni il-ftehim li bagħtu il-Wasteserv għar-rimborż tal-ġbir tal-iskart u organiku. Propona li dan ikun iffirmat suġġett illi ir-rati fuq il-ġbir tal-iskart taċ-ċimiterji jinbidlu f'Mejju li ġej.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**57.11.04 Polza tal-Assigurazzjoni Impjegati Cirk 2026/001**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni sabiex ir-Reġjun ikopri il-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-impjegati.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**57.11.05 Bord tal-Intervista għall-Maniġer tal-Kultura**

Il-President ippropona li jinħatar bord tal-għażla indipendenti sabiex jsiru l-intervisti għall-vakanza ta' Maniġer tal-Kultura. Is-Sindki urew ix-xewqa li l-bord ikun ippresedut minn membru tal-Kunsill Reġjonali u għaldaqstant innomina lill-Viċi President is-Sur David M.Schembri sabiex imexxi dan il-bord flimkien ma MC, KX u CM.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**57.12 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **l-Ħamis 26 ta' Frar , 2026 fil-17:00.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum